**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-3 ta' Novembru 2008

## dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6349)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/855/KE)

(ĠU L 302, 13.11.2008, p. 19)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/254/KE tal-20 ta' Marzu 2009 | L 75 | 22 | 21.3.2009 |
| ►M2 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/423/KE tas-26 ta' Mejju 2009 | L 138 | 5 | 4.6.2009 |
| ►M3 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/952/UE tal-14 ta' Diċembru 2009 | L 328 | 76 | 15.12.2009 |
| ►M4 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/211/UE tas-7 ta' April 2010 | L 89 | 25 | 9.4.2010 |
| ►M5 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/354/UE tal-25 ta' Ġunju 2010 | L 160 | 28 | 26.6.2010 |
| ►M6 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/360/UE tal-20 ta' Ġunju 2011 | L 162 | 15 | 22.6.2011 |
| ►M7 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/743/UE tal-14 ta' Novembru 2011 | L 297 | 69 | 16.11.2011 |
| ►M8 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/838/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 | L 332 | 13 | 15.12.2011 |
| ►M9 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/40/UE tal-24 ta' Jannar 2012 | L 23 | 9 | 26.1.2012 |
| ►M10 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/250/UE tat-8 ta' Mejju 2012 | L 124 | 39 | 11.5.2012 |
| ►M11 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/666/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 | L 299 | 46 | 27.10.2012 |
| ►M12 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/702/UE tat-13 ta' Novembru 2012 | L 318 | 71 | 15.11.2012 |

▼B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-3 ta' Novembru 2008

## dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6349)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/855/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 42 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 li tikkonċerna l-kontrolli veterinarji fil-kummerċ fi ħdan il-Komunità bil-għan li jiġi kkompletat is-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KEE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer ([3]), tintroduċi kontrolli minimi Komunitarji għall-kontroll ta' dik il-marda. Tistipula l-miżuri li jridu jittieħdu f'każ ta' tifqigħa tad-deni klassiku tal-ħnieżer. Dawn il-miżuri jinkludu pjanijiet mill-Istati Membri għall-qrid tad-deni klassiku fil-ħnieżer minn popolazzjoni ta' ħnieżer selvaġġi u t-tilqim ta' emerġenza tal-ħnieżer selvaġġi f'ċerti kundizzjonijiet.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/805/KE ta' l-24 ta' Novembru 2006 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri ([4]) ġiet adottata b'reazzjoni għat-tifqigħat tad-deni klassiku tal-ħnieżer f'dawn l-Istati Membri. Dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi miżuri għall-kontroll tal-marda tad-deni klassiku tal-ħnieżer f'żoni ta' dawk l-Istati Membri fejn din il-marda hija preżenti fil-ħnieżer selvaġġi sabiex il-marda ma tinxteredx lejn żoni oħra tal-Komunità.

(3) Dawn l-Istati Membri jeħtiġilhom jieħdu l-miżuri xierqa biex iwaqqfu t-tixrid tad-deni klassiku tal-ħnieżer. Għalhekk, bagħtu lill-Kummissjoni pjanijiet ta' qrid u pjanijiet ta' tilqim ta' emerġenza kontra din il-marda li jistipulaw il-miżuri meħtieġa biex tinqered il-marda fiż-żoni li fil-pjanijiet tagħhom ġew iddefiniti bħala infettati u li jistipulaw il-miżuri meħtieġa li jridu jiġu applikati fuq l-istabbilimenti tal-ħnieżer f'dawk iż-żoni.

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5.
([4]) ĠU L 329, 25.11.2006, p. 67.

▼B

(4) Fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer hemm qagħdiet epidemjoloġiċi differenti rreġistrati fl-Istati Membri jew f'żoni tagħhom. Fl-interess taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, jixraq għalhekk li jkun hemm tliet listi distinti ta' żoni, skont il-qagħda epidemjoloġika ta' kull waħda minnhom.

(5) B'regola ġenerali, billi ċ-ċaqliq ta' ħnieżer ħajjin minn żoni infettati għandu riskji ogħla miċ-ċaqliq tal-laħam, il-preparazzjonijiet tal-laħam u l-prodotti tal-laħam, iċ-ċaqliq ta' ħnieżer ħajjin mill-Istati Membri kkonċernati għandu jiġi pprojbit.

(6) Is-semen, l-ova u l-embrijuni li joriġinaw minn annimali infettati jistgħu jikkontribwixxu għat-tifrix tal-vajrus tad-deni klassiku tal-ħnieżer. Sabiex id-deni klassiku tal-ħnieżer ma jinfirixx lejn żoni oħra tal-Komunità, jixraq li l-bgħit tas-semen, l-ova u l-embrijuni minn żoni fil-lista tal-anness ta' din id-deċiżjoni, jiġi pprojbit.

(7) Jixraq li lista waħda tistipula l-Istati Membri u ż-żoni fejn il-qagħda epidemjoloġika tad-deni klassiku tal-ħnieżer hija l-aħjar u, għalhekk, b'deroga mill-projbizzjoni ġenerali, il-ħnieżer ħajjin ikunu jistgħu jintbagħtu lejn żoni ristretti oħra, soġġetti għal ċerti miżuri ta' salvagwardja. Barra minn hekk, il-laħam frisk tal-majjal minn stabbilimenti li jinsabu f'dawn iż-żoni u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jkunu jikkonsistu minn, jew ikun fihom, laħam ta' dawk il-ħnieżer, jistgħu jintbagħtu lil Stati Membri oħra.

(8) Ċerti żoni milquta mid-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer selvaġġi, jinqasmu skont il-fruntieri nazzjonali u huma magħmula minn territorji ġirien ta' żewġ Stati Membri. Il-miżuri ta' kontroll tal-marda li jikkonċernaw restrizzjonijiet fuq il-bgħit ta' ħnieżer ħajjin f'żoni ġirien milquta li jinsabu f'żewġ Stati Membri differenti, għandhom jiġu stipulati wkoll.

(9) Meta wieħed iqis il-qagħda epidemjoloġika f'ċerti żoni tal-Ungerija u s-Slovakkja, jixraq li jiġu inklużi f'dik l-ewwel lista taż-żoni.

(10) It-tieni lista għandha tistipula ż-żoni fejn il-qagħda epidemjoloġika fil-popolazzjoni tal-ħnieżer selvaġġi jew fl-stabbilimenti tal-ħnieżer tkun inqas favorevoli minħabba tifqigħat sporadiċi. Minn dawn iż-żoni, laħam tal-majjal frisk minn stabbilimenti li mhux meqjusa ta' periklu, u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn, jew li fihom, laħam ta' dawn il-ħnieżer, iżda mhux il-ħnieżer ħajjin, jistgħu jintbagħtu lil Stati Membri oħra soġġetti għal ċerti miżuri ta' salvagwardja li għandhom jiġu stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(11) It-tielet lista għandha tinkludi ż-żoni li minnhom la ħnieżer ħajjin u lanqas laħam tal-majjal frisk u prodotti tal-laħam ma jistgħu, ġeneralment, jintbagħtu lejn Stati Membri oħra. Madankollu, jixraq li l-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal u l-prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn laħam tal-majjal, jew li fihom dan il-laħam, jistgħu jintbagħtu lejn Stati Membri oħra jekk jiġu pproċessati b'tali mod li kull vajrus tad-deni klassiku tal-ħnieżer jinqered.

▼B

(12) Barra minn hekk, sabiex jieqaf it-tixrid tad-deni klassiku tal-ħnieżer lejn żoni oħra fil-Komunità, jixraq li jsiru dispożizzjonijiet biex il-bgħit ta' laħam frisk tal-majjal, u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn laħam tal-majjal jew li fihom dan il-laħam, minn Stati Membri b'żoni inklużi fit-tielet lista, ikun soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. B'mod partikolari, dan il-laħam tal-majjal, u prodotti u preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal, għandhom ikollhom marki speċjali biex ma jitħalltux mal-marki tas-saħħa għal-laħam tal-majjal tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ([1]) u l-marka ta' identifikazzjoni stipulata fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([2]).

(13) Biex ma jkunx hemm tifrix tad-deni klassiku tal-ħnieżer lejn żoni oħra tal-Komunità, fejn Stat Membru jkun is-suġġett ta' projbizzjoni fuq il-bgħit ta' laħam frisk tal-majjal, u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn laħam tal-majjal jew li fihom dan il-laħam, minn ċerti partijiet tat-territorju tiegħu, għandhom ikunu stabbiliti ċerti rekwiżiti, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċertifikazzjoni, għall-bgħit ta' dan il-laħam, dawn il-preparazzjonijiet u dawn il-prodotti minn żoni oħra tat-territorju ta' dan l-Istat Membru li mhux suġġetti għal din il-projbizzjoni.

(14) Id-Deċiżjoni 2006/805/KE ġiet emendata bosta drabi. Għaldaqstant, jixraq li din id-Deċiżjoni tiġi revokata u sostitwita mid-Deċiżjoni preżenti.

(15) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer fl-Istati Membri jew reġjuni tagħhom kif stipulati fl-Anness ("l-Istati Membri kkonċernati").

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

▼B

Id-Deċiżjoni għandha tapplika bla ħsara għall-pjanijiet ta' eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer u l-pjanijiet ta' tilqim ta' emerġenza kontra dik il-marda, approvati mill-Kummissjoni.

*Artikolu 2*

**Projbizzjoni fuq il-bgħit ta' ħnieżer ħajjin miż-żoni elenkati fl-Anness lil Stati Membri oħra**

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li ebda ħnieżer ħajjin ma jintbagħtu mit-territorji tagħhom lejn Stati Membri oħra sakemm il-ħnieżer ma jkunux ġejjin minn:

(a) żoni barra dawk elenkati fl-Anness; kif ukoll

(b) stabbiliment fejn ma ddaħħlux ħnieżer ħajjin miż-żoni elenkati fl-Anness matul il-perjodu ta' 30 jum immedjatament qabel id-data tal-bgħit.

*Artikolu 3*

**Derogi li jikkonċernaw il-bgħit tal-ħnieżer ħajjin minn Stat Membru għall-ieħor minn żoni elenkati fil-Parti 1 tal-Anness**

1. B'deroga mill-Artikolu 2, il-bgħit ta' ħnieżer minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni elenkati fil-Parti I tal-Anness lejn stabbilimenti jew biċċeriji li jinsabu f'żoni oħra elenkati f'dik il-Parti tal-Anness u li jkunu ta' Stat Membru ieħor, jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru tal-bgħit, sakemm dawn il-ħnieżer ikunu ġejjin minn stabbiliment fejn:

(a) ma ddaħħlu ebda ħnieżer ħajjin matul il-perjodu ta' 30 jum immedjatament qabel id-data tal-bgħit;

(b) twettaq eżami kliniku għad-deni klassiku tal-ħnieżer minn uffiċjal veterinarju skont il-proċeduri ta' kontroll u ta' teħid ta' kampjuni stabbiliti fil-Parti A u fil-punti 1, 2 u 3 tal-Parti D tal-Kapitolu IV tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/106/KE EC ([1]); u

(c) saru testijiet tar-reazzjoni katina tal-polimerażi għad-deni klassiku tal-ħnieżer skont il-Parti C tal-Kapitolu VI tal-Anness għad-Deċiżjoni 2002/106/KE li taw riżultati negattivi, fuq kampjuni miġbura mill-kunsinja ta' ħnieżer li jkunu se jintbagħtu, matul il-perjodu ta' sebat ijiem eżatt qabel id-data tal-bgħit; in-numru minimu ta' ħnieżer li minnhom jittieħed il-kampjun għandu jkun biżżejjed biex jippermetti li tinstab prevalenza ta' 5 % b'livell ta' kunfidenza ta' 95 % fil-kunsinja ta' ħnieżer li tkun se tintbagħat.

Madankollu, il-punt (c) m'għandux japplika:

(i) għal ħnieżer li jintbagħtu direttament lejn il-biċċeriji biex jinqatlu minnufih,

(ii) għal ħnieżer li jintbagħtu lejn żona fil-viċinat ta' Stat Membru elenkat fil-Parti I tal-Anness,

(iii) meta l-Istat Membru destinatarju jagħti l-approvazzjoni tiegħu minn qabel.

([1]) ĠU L 39, 9.2.2002, p. 71

▼B

2. Fil-mument tal-bgħit tal-ħnieżer imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikat tas-sanità msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 9 jinkludi tagħrif addizzjonali dwar id-dati tal-eżami kliniku, u, jekk ikun il-każ, in-numru ta' annimali fil-kampjun u r-riżultati tat-test tar-reazzjoni katina tal-polimerażi skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 4*

**Ċaqliq u tranżitu ta' ħnieżer ħajjin fl-Istati Membri kkonċernati**

1. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li ma jintbagħtux ħnieżer ħajjin minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness lejn żoni oħra fit-territorju tal-Istat Membru, ħlief:

(a) ħnieżer li jintbagħtu direttament lejn il-biċċeriji biex jinqatlu minnufih;

(b) minn stabbilimenti fejn:

(i) saru eżami kliniku u testijiet tar-reazzjoni katina tal-polimerażi għad-deni klassiku tal-ħnieżer b'riżultati negattivi, skont l-Artikolu 3(1)(b) u (c); jew

(ii) sar eżami kliniku b'riżultati negattivi u bil-kundizzjoni li l-awtorità veterinarja kompetenti tal-post tad-destinazzjoni tagħti l-approvazzjoni tagħha bil-quddiem.

2. L-Istati Membri kkonċernati mill-bgħit tal-ħnieżer minn żoni elenkati fil-Parti I tal-Anness lil żoni oħra elenkati f'dik il-Parti tal-Anness għandhom jiżguraw li t-trasport tal-ħnieżer iseħħ biss permezz ta' toroq ewlenin jew bil-ferrovijia, mingħajr waqfien tal-vettura li tkun qed iġġorr il-ħnieżer, u bla ħsara għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 ([1]).

*Artikolu 5*

**Projbizzjoni fuq il-bgħit ta' kunsinji ta' semen tal-ħnieżer u ova u embrijuni tal-ħnieżer miż-żoni elenkati fl-Anness**

L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li ebda kunsinja ta' dawn li ġejjin ma tintbagħat mit-territorju tiegħu lejn Stati Membri oħra:

(a) is-semen tal-porċini, sakemm is-semen ma jkunx joriġina minn ħnieżer tar-refgħa miżmuma f'ċentru tal-ġbir approvat kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE ([2]) u li jkun jinsab barra ż-żoni elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni;

([1]) ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1

([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62.

▼B

(b) l-ova u l-embrijuni tal-ħnieżer, sakemm l-ova u l-embrijuni ma jkunux joriġinaw minn ħnieżer miżmuma fi stabbilimenti li jkunu jinsabu barra ż-żoni elenkati fl-Anness.

*Artikolu 6*

**Il-bgħit tal-laħam tal-majjal frisk u ta' ċerti preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam minn żoni elenkati fil-Parti II tal-Anness**

1. L-Istati Membri kkonċernati miż-żoni elenkati fil-Parti II tal-Anness għandhom jiżguraw li l-kunsinji ta' laħam frisk tal-majjal minn stabbilimenti li jinsabu f'dawk iż-żoni, u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu f'laħam ta' dawn il-ħnieżer jew li fihom dan il-laħam, jintbagħtu lejn l-Istati Membri l-oħra biss jekk:

(a) ma jkunx hemm evidenza tad-deni klassiku tal-ħnieżer fit-tnax-il xahar ta' qabel fl-istabbiliment ikkonċernat u l-istabbiliment ikun jinsab barra minn żona ta' protezzjoni jew ta' sorveljanza;

(b) il-ħnieżer kienu residenti għal mill-inqas 90 jum fl-istabbiliment u ebda ħanżir ħaj ma ddaħħal fl-istabbiliment matul il-perjodu ta' 30 jum immedjatament qabel id-data tal-bgħit lejn il-biċċerija;

(c) l-istabbiliment ġie soġġett għallinqas darbtejn fis-sena għal spezzjonijiet mill-awtorità veterinarja kompetenti, li għandha:

   (i) issegwi l-linji ta' gwida stipulati fil-Kapitolu III tal-Anness tad-Deċiżjoni 2002/106/KE,

   (ii) tinkludi l-eżami kliniku skont il-proċeduri ta' kontroll u teħid kampjuni stipulati fil-Parti A tal-Kapitolu IV tal-Anness tad-Deċiżjoni 2002/106/KE,

   (iii) tiċċekkja li d-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-tieni u mir-raba' sas-seba' inċiż tal-Artikolu 15(2)(b) tad-Direttiva 2001/89/KE jiġu applikati effettivament;

(d) qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni għall-bgħit tal-ħnieżer lejn biċċerija, għandu jsir eżami kliniku għad-deni klassiku tal-ħnieżer minn uffiċjal veterinarju skont il-proċeduri ta' kontroll u ta' teħid ta' kampjuni stabbiliti fil-punti 1, 2 u 3 tal-Parti D tal-Kapitolu IV tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/106/KE.

2. Madankollu, fil-każ li stabbiliment ikun jikkonsisti minn żewġ unitajiet ta' produzzjoni separati fejn l-istruttura, id-daqs u d-distanza bejn dawn l-unitajiet tal-produzzjoni u l-attivitajiet imwettqa jkunu tali li l-unitajiet tal-produzzjoni jipprovdu faċilatijiet kompletament separati għaż-żamma u t-tmigħ, l-awtorità veterinarja kompetenti tista' tiddeċiedi li tawtorizza biss il-bgħit tal-laħam frisk tal-majjal, il-preparazzjonijiet tal-laħam u l-prodotti tal-laħam, minn ċerti unitajiet tal-produzzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6(1).

▼B

*Artikolu 7*

**Projbizzjoni tal-bgħit tal-laħam tal-majjal frisk u ta' ċerti preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam minn żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness**

1. L-Istati Membri kkonċernati miż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness għandhom jiżguraw l-kunsinji ta' laħam frisk tal-majjal minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness, u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn dawn il-laħam jew li fihom dan il-laħam, jintbagħtu biss lejn l-Istati Membri l-oħra jekk:

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri kkonċernati miż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness jistgħu jawtorizzaw il-bgħit ta' laħam frisk tal-majjal imsemmi fil-paragrafu 1, u prodotti tal-laħam u preparazzjonijiet tal-laħam li jikkonsistu minn dan il-laħam, lejn l-Istati Membri oħra jekk il-prodotti:

(a) ikunu saru u ġew ipproċessati b'konformità mal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE ([1]);

(b) ikollhom ċertifikazzjoni veterinarja skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/99/KE; u

(c) ikunu akkumpanjati miċ-ċertifikat xieraq tas-sanità għall-kummerċ intra-Komunitarju kif stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 599/2004 ([2]) li l-Parti II tiegħu għandha tkun kompluta b'dan li ġej:

"Prodott f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/855/KE tat-3 ta' Novembru 2008 rigward miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri (*).

---

(*) ĠU L 302, 13.11.2008, p. 19."

*Artikolu 8*

**Marki sanitarji speċjali u rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għal laħam frisk, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam soġġetti għall-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1)**

L-Istati Membri kkonċernati miż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness għandhom jiżguraw li l-laħam frisk u l-preparazzjonijiet tal-laħam u l-prodotti tal-laħam soġġetti għall-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1) ikunu mmarkati b'marka sanitarja speċjali li ma tistax tkun ovali u ma tistax tkun tixbaħ:

— lill-marka ta' identifikazzjoni għal preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn laħam tal-majjal jew li fihom dan il-laħam, stipulata fit-Taqsima I tal-Anness II, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; u

— lill-marka sanitarja għal-laħam frisk tal-majjal imsemmija fil-Kapitolu III tat-Taqsima I tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004;

---

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p.11.
([2]) ĠU L 94, 31.3.2004, p. 44.

▼M12

*Artikolu 8a*

**Id-dispaċċ ta' laħam frisk tal-majjal u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn dan il-laħam jew li fihom dan il-laħam mill-Istati Membri kkonċernati miż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness lejn Stati Membri oħra**

1. L-Istati Membri kkonċernati miż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness jistgħu jawtorizzaw id-dispaċċ ta' laħam frisk tal-majjal idderivat mill-ħnieżer li sa minn twelidhom inżammu f'azjendi barra miż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness, u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn dan il-laħam jew li fihom dan il-laħam, jekk il-laħam, il-preparazzjonijiet tal-laħam u l-prodotti tal-laħam huma prodotti, maħżuna u pproċessati fi stabbilimenti li huma approvati skont il-paragrafu 4.

2. B'deroga mill-Artikolu 7(1), l-Istati Membri b'żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness jistgħu jawtorizzaw id-dispaċċ ta' laħam frisk tal-majjal, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn dan il-laħam jew li fihom dan il-laħam lejn Stati Membri oħra, kemm-il darba:

(a) il-laħam ikun ġie dderivat minn ħnieżer li nżammu f'azjendi fiż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness, u li huma approvati skont il-paragrafu 3;

(b) dan ikun ġie prodott f'biċċeriji, impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti tal-ipproċessar tal-laħam li huma approvati skont il-paragrafu 4.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tapprova biss azjendi għall-iskop tal-paragrafu 2(a) kemm-il darba dawn l-azjendi:

(a) jimplimentaw pjan ta' bijosigurtà approvat mill-awtorità kompetenti;

(b) ikunu daħħlu biss ħnieżer minn stabbilimenti:

(i) li huma approvati f'konformità ma' din id-Deċiżjoni jew

(ii) li jinsabu f'żoni li mhumiex elenkati fl-Anness u li mhumiex soġġetti għal xi restrizzjonijiet għad-deni klassiku tal-ħnieżer f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni matul perjodu ta' sitt xhur qabel jiddaħħlu l-ħnieżer; il-perjodu ta' qabel id-data tal-approvazzjoni tal-azjenda f'konformità ma' din id-Deċiżjoni huwa inkluż f'dan il-perjodu ta' sitt xhur;

(c) huma spezzjonati regolarment mill-awtorità kompetenti f'intervalli ta' mhux aktar minn tliet xhur; matul dan l-ispezzjonijiet, l-awtorità kompetenti trid mill-inqas:

(i) issegwi l-linji gwida stabbiliti fil-Kapitolu III tal-Anness tad-Deċiżjoni 2002/106/KE;

▼M12

(ii) twettaq eżami kliniku skont il-proċeduri ta' kontroll u teħid ta' kampjuni stabbiliti fil-Parti A tal-Kapitolu IV tal-Anness tad-Deċiżjoni 2002/106/KE;

(iii) tivverifika li d-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-tieni inċiż u fir-raba' sas-seba' inċiż tal-Artikolu 15(2)(b) tad-Direttiva 2001/89/KE jiġu applikati b'mod effettiv;

(iv) tissospendi jew tirtira minnufih l-approvazzjoni f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet ta' hawn fuq;

(d) huma soġġetti regolarment għall-iskema tas-sorveljanza tal-laboratorju fejn l-annimali kienu soġġetti għall-ittestjar tal-laboratorju għad-deni klassiku tal-ħnieżer li jkun ta riżultati negattivi fuq kampjuni meħuda skont il-proċeduri tat-teħid ta' kampjun kif inhuma stabbiliti fil-pjan ta' sorveljanza għad-deni klassiku tal-ħnieżer implimentat mill-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur qabel it-tranżitu għall-biċċerija;

(e) jinsabu fiċ-ċentru ta' żona ta' mill-inqas 3 km radju li fih l-annimali fl-azjendi tal-ħnieżer kienu soġġetti għall-ittestjar tal-laboratorju għad-deni klassiku tal-ħnieżer imwettaq b'riżultati negattivi fuq kampjuni meħuda skont il-proċeduri ta' teħid ta' kampjun kif inhuma stabbiliti fil-pjan ta' sorveljanza tad-deni klassiku tal-ħnieżer implimentat kull tliet xhur mill-awtoritajiet kompetenti;

(f) jinsabu f'pajjiż li fih:

— jiġi implimentat programm għall-kontroll u l-monitoraġġ tad-deni klassiku tal-ħnieżer approvat mill-Kummissjoni;

— l-inċidenza u l-prevalenza tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer domestiċi u selvaġġi naqsu b'mod sinifikanti;

— ma nstabet ebda evidenza tal-vajrus tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer f'dawn l-aħħar 12-il xahar.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri għandha tapprova biss biċċeriji, impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti tal-ipproċessar tal-laħam għall-iskop tal-paragrafu 1 u tal-punt (b) tal-paragrafu 2 fejn il-produzzjoni, il-ħażna u l-ipproċessar ta' laħam frisk tal-majjal u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn dan il-laħam jew li fihom dan il-laħam eliġibbli għad-dispaċċ lejn Stati Membri oħra jsiru b'mod separat mill-produzzjoni, il-ħażna u l-ipproċessar ta' prodotti oħra li jikkonsistu jew li fihom laħam frisk u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn dan il-laħam jew li fihom dan il-laħam idderivat mill-ħnieżer li joriġinaw jew li ġejjin minn azjendi li jinsabu fiż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness minbarra dawk approvati skont il-paragrafu 3.

5. Il-laħam tal-majjal, il-preparazzjonijiet tal-laħam u l-prodotti tal-laħam imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mmarkati kif ġej:

(a) il-laħam frisk tal-majjal għandu jkun immarkat kif stabbilit fil-Kapitolu III tat-Taqsima I tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004;

▼M12

(b) il-preparazzjonijiet tal-laħam u l-prodotti tal-laħam għandhom ikunu mmarkati kif stabbilit fit-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

6. L-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 jew id-deroga prevista fil-paragrafu 2 għandhom iżommu aġġornata l-lista tal-azjendi, il-biċċeriji, l-impjanti tat-tqattigħ u l-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-laħam approvati skont il-paragrafi 3 u 4. Din il-lista għandha mill-inqas tindika l-isem, l-indirizz, in-numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali, it-tip ta' stabbiliment u d-data tal-approvazzjoni. Din il-lista, u kull aġġornament tagħha, għandha tiġi notifikata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra fi żmien 24 siegħa bl-approvazzjoni tal-ewwel azjenda jew stabbiliment jew ta' kull emenda sussegwenti tagħha.

▼M5

*L-Artikolu 8b*

**Miżuri marbuta ma' ħnieżer selvaġġi ħajjin, laħam frisk, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li fihom jew jikkonsistu f'laħam li ġej mill-ħnieżer selvaġġi**

1. L-Istati Membri kkonċernati biż-żoni elenkati fl-Anness għandhom jiżguraw li:

(a) l-ebda ħnieżer selvaġġi ħajjin miż-żoni elenkati fl-Anness ma jintbagħtu fi Stati Membri oħra jew f'żoni oħra fit-territorju tal-istess Stat Membru;

(b) ma jintbagħtu l-ebda kunsinni ta' laħam frisk tal-ħnieżer selvaġġi, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li fihom jew jikkonsistu f'laħam bħal dan miż-żoni elenkati fl-Anness lil Stati Membri oħra jew lil żoni oħra fit-territorju tal-istess Stat Membru.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(b), l-Istati Membri kkonċernati biż-żoni elenkati fil-Partijiet I u II tal-Anness jistgħu jawtorizzaw il-bgħit ta' kunsinni tal-laħam frisk tal-ħnieżer selvaġġi, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li fihom jew jikkonsistu f'laħam bħal dan minn dawk iż-żoni għal żoni oħra li mhumiex elenkati fl-Anness, kemm-il darba:

(a) il-ħnieżer ikunu ġew ittestjati u jirriżulta li ma għandhomx deni klassiku tal-ħnieżer skont kull proċedura ta' dijanjożi deskritta fil-Parti A(1), Parti B jew Parti C tal-Kapitolu VI tal-Anness mad-Deċiżjoni 2002/106/KE;

(b) l-awtorità kompetenti tal-post ta' destinazzjoni tagħti l-approvazzjoni tagħha minn qabel.

▼M12

—————

▼B

*Artikolu 9*

**Rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tas-sanità għall-Istati Membri kkonċernati**

L-Istat Membru għandu jiżgura li ċ-ċertifikat tas-sanità stipulat:

(a) fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE ([1]) li jintbagħat flimkien mal-ħnieżer mit-territorju tiegħu, għandu jkun komplut b'dan li ġej:

"Annimali f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/855/KE tat-3 ta' Novembru 2008 rigward miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri (*).

(*) ĠU L 302, 13.11.2008, p. 19."

(b) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE li jintbagħat flimkien mas-semen tal-ħnieżer tar-refgħa mit-territorju tiegħu, għandu jkun komplut b'dan li ġej:

"Semen f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/855/KE tat-3 ta' Novembru 2008 rigward miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri (*).

(*) ĠU L 302, 13.11.2008, p. 19."

(c) L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/483/KE ([2]) li jintbagħat flimkien mal-embrijuni u l-ova tal-ħnieżer mit-territorju tiegħu, għandu jkun komplut b'dan li ġej:

"Embrijuni/ov (*) f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/855/KE tat-3 ta' Novembru 2008 rigward miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri (**).

(*) Ħassar skont il-każ.
(**) ĠU L 302, 13.11.2008, p. 19."

*Artikolu 10*

**Rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni li jikkonċernaw Stati Membri li għandhom żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness**

L-Istati Membri kkonċernati minn żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżguraw li l-laħam frisk tal-majjal, minn stabbilimenti li jinsabu barra miż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness, u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn dan il-laħam jew li fihom dan il-laħam, li għalihom ma tapplikax il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 7(1) u li jintbagħtu lejn Stati Membri oħra:

(a) ikollhom ċertifikazzjoni veterinarja skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/99/KE; u

([1]) ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.
([2]) ĠU L 275, 18.11.1995, p. 30.

▼B

(b) jkunu akkumpanjati miċ-ċertifikat xieraq tas-sanità għall-kummerċ intra-Komunitarju stipulat mill-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 599/2004 li l-Parti II tiegħu għandha tkun kompluta b'dan li ġej:

"Laħam frisk tal-majjal, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu f'laħam tal-majjal jew li fihom dan il-laħam, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/855/KE tat-3 ta' Novembru 2008 rigward miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri (*).

(*) ĠU L 302, 13.11.2008, p. 19."

*Artikolu 11*

**Rekwiżiti li jikkonċernaw stabbilimenti u vetturi tat-trasport fiż-żoni elenkati fl-Anness**

L-Istati Membru kkonċernati għandhom jiżguraw:

(a) li d-dispożizzjonijiet stipulati fit-tieni inċiż u mir-raba' sas-seba' inċiż tal-Artikolu 15(2)(b) tad-Direttiva 2001/89/KE jiġu applikati fl-istabbilimenti tal-ħnieżer li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni;

(b) li l-vetturi li ntużaw għat-trasport tal-ħnieżer minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati minnufih wara kull vjaġġ u li t-trasportatur jipprovdi prova ta' din id-diżinfezzjoni.

*Artikolu 12*

**Rekwiżiti ta' tagħrif tal-Istati Membri kkonċernati**

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, dwar ir-riżultati tas-sorveljanza għad-deni klassiku tal-ħnieżer imwettqa fiż-żoni elenkati fl-Anness, kif stipulat fil-pjanijiet għall-qrid tad-deni klassiku tal-ħnieżer jew fil-pjanijiet tat-tilqim ta' emerġenza kontra din il-marda approvati mill-Kummissjoni u msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1.

*Artikolu 13*

**Konformità**

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw għall-kummerċ sabiex iġibuhom f'konformità ma' din id-Deċiżjoni u għandhom jagħmlu reklamar xieraq immedjat dwar il-miżuri adottati. Dawn għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

*Artikolu 14*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni 2006/805/KE hija revokata.

▼B

*Artikolu 15*

**Applikabilità**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal- ►M8 31 ta' Diċembru 2013 ◄.

*Artikolu 16*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*ANNESS*

## PARTI I

▼M10

__________

▼M7

__________

▼M11

3. **L-Ungerija**

It-territorju tal-kontea ta' Pest li jinsab fit-tramuntana u fil-lvant tad-Danubju, fin-nofsinhar tal-fruntiera mas-Slovakkja, fil-punent tal-fruntiera mal-kontea ta' Nógrád u fit-tramuntana tal-awtostrada E71.

▼M6

__________

▼B

## PARTI II

**Il-Bulgarija**

It-territorju kollu tal-Bulgarija.

## PARTI III

▼M3

**Ir-Rumanija**

It-territorju kollu tar-Rumanija.